# Kif tkampa mal-pubertà int hu tikber

Is-sabiħ u l-ikrah li jiġi maż-żmien tal-pubertà jista' jitqabbel ma' rikba fuq *roller-coaster,* u din mhux dejjem tkun pjaċevoli. Trid xi għajnuna? Aqra l-kummenti li ġejjin, u wieġeb il-mistoqsijiet li hemm magħhom.



## 1

Il-ħsieb li tidħol fil-pubertà u eventwalment issir adult kien

EĊĊITANTI, TAL-BIŻA', jew IT-TNEJN?

X'kienet l-iktar ħaġa diffiċli għalik meta kont qed tiżviluppa?

*"Il-pubertà mhix ħaġa sabiħa għat-tfajliet. . . . Huwa żmien li fih tħossok . . . konfuża—tista' tgħid li kwalunkwe ħaġa li għandha x'taqsam magħha hi kerha!"—Oksana.*

## 2

Kont tbati bil-burdati meta kont dieħel fil-pubertà? Jekk iva, x'kien jiġrilek?

X'passi tista' tieħu biex tikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħek?



*"Filli kont inkun ferħan, u filli f'daqqa waħda kien ikolli d-dwejjaq. Ma nafx jekk din hix ħaġa normali għas-subien, imma jien hekk kien ġrali."—Brian.*



www.jw.org © 2016 Watch Tower Bible and Tract Society of Pennsylvania

## 3

Il-pubertà kif bidlet il-mod kif tħares lejn id-dehra tiegħek?

X'taħseb li għandha tkun ħarsa bilanċjata lejn id-dehra tiegħek?



*"Meta kont qed nikber, kont inżomm ruħi mitluqa u nilbes flokkijiet kbar apposta. Għalkemm kont naf għala ġismi kien qed jinbidel, xorta kont inħossni skomda u imbarazzata ħafna. Kienet xi ħaġa stramba."—Janice.*

## 4

Il-pubertà kif effettwat il-mod kif tħares lejn dawk tas-sess oppost?

Il-Bibbja tgħid: "Aħarbu miż-żína," jew l-immortalità sesswali. (1 Korintin 6:18) Dan il-kmandament għala hu għaqli, u int kif tista' ssaħħaħ id-determinazzjoni tiegħek biex tgħix fi qbil miegħu?

*"Ma bqajtx naħseb li s-subien kollha huma antipatki. Issa xi wħud minnhom bdejt narahom ħelwin, u l-idea li nsir inħobb lil xi ħadd minnhom ma kinitx għadha ddejjaqni. Infatti, 'min għandu grazzja ma' min' sar l-iktar suġġett li nitkellmu fuqu."—Alexis.*





www.jw.org © 2016 Watch Tower Bible and Tract Society of Pennsylvania

## 5

Għalkemm forsi tħoss li hi xi ħaġa tal-mistħija, għala jkun tajjeb li tiftaħ qalbek mal-ġenituri tiegħek (jew m'adult li tafdah) dwar l-isfidi li tiffaċċja fil-pubertà?—**Aqra Proverbji 17:17.**

*"Jien kont persuna li nżomm kollox ġo fija. Nixtieq li ftaħt qalbi iktar mal-ġenituri tiegħi. Naħseb li kieku għamilt hekk, iż-żmien taż-żgħożija kien ikun isbaħ."—Jeremy.*



Ma' liema adult tħossok l-iktar komdu li tiftaħ qalbek?

## 6

S'issa, il-ġenituri tiegħek kif għenuk tkampa mat-tibdil li ġġib magħha l-pubertà?

X'tixtieq li l-ġenituri tiegħek jagħmlu iktar għalik?



*"Il-pubertà kienet żmien diffiċli għalija, imma seta' kien ħafna agħar mingħajr l-għajnuna tal-ġenituri tiegħi. Ommi kienet tgħidli li hi dejjem kienet se tkun hemm għalija u li jien dejjem stajt nitlob għall-għajnuna."—Karina.*



www.jw.org © 2016 Watch Tower Bible and Tract Society of Pennsylvania

“Lil xi ħadd li beda jiżviluppa ngħidlu li bħalissa din tidher bħala xi ħaġa kbira. Imma ż-żmien tal-pubertà meta tqabblu ma’ ħajtek kollha hu żmien qasir. Dan hu dak li se jbiddlek fl-adult li se ssir.”—David.



**7** X’parir tagħti lil xi ħadd li beda jiżviluppa?

# Staqsi lill-ġenituri tiegħek

Forsi ssibha diffiċli biex temminha, imma xi darba l-ġenituri tiegħek esperjenzaw l-istess bidliet li għaddej minnhom int issa. Liema żewġ mistoqsijiet tixtieq issaqsihom dwar kif huma kampaw mal-pubertà? Ikteb il-mistoqsijiet. Qasqas il-kaxxa. Uriha lill-ġenituri tiegħek.

**1**

**2**





www.jw.org © 2016 Watch Tower Bible and Tract Society of Pennsylvania